**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 5 ta' Ottubru, 2018**

**Rikors nru: 309/18 AGV**

A

Vs

B

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ipprezentat mir-rikors fis-27 ta' Gunju, 2018 li permezz tieghu ppremetta u talab is-segwenti:-

Illi huwa zzewweg lill-intimata B, detentrici tal-karta tal-identita' bin-numru 189075 (M), fit-tmintax (18) ta' Lulju, 1998 fil-Knisja tal-Madonna tal-Karmnu, Fgura, liema zwieg gie registrat fir-Registru Pubbliku ta' Malta bin-numru 1244/1998 u dan kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg anness bhala Dokument A.

Illi l-kontendenti partijiet xoljew u llikwidaw il-kommunjoni tal-akkwisti bejniethom u effettwaw is-separazzjoni personali permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni li kien gie ppubblikat minn Nutar Dottor Gertrude Farrugia Wismayer fit-2 ta' Marzu, 2012, kopja annessa u mmarkata Dokument B.

Illi l-partijiet minn dan iz-zwieg irrinunzjaw reciprokament mid-dritt li jitolbu u jottjenu manteniment fil-konfront ta' xulxin,

Illi mill-imsemmi zwieg l-istess partijiet kellhom tifla bl-isem ta' C u l-istess wild qiedgha tircievi manteniment adegwat fil-konfront taghha u li ghal finijiet u effetti kollha tal-ligi kwalsiasi obbligi ta' manteniment gew effettivament regolati fl-istess kuntrattt ta' firda personali ppubblikat u konsegwentement ma tezisti ebda kwistjoni f'dan ir-rigward.

Ili r-rikorrenti ddiskuta mal-konsulent legali tieghu, hawn sottofirmat, il-possibilita' ta' rikonciljazzjoni taz-zwieg odjern u konkluda li m'hemmx prospett ragjonevoli ghall-rikonciljazzjoni.

Illi llum il-gurnata ghaddew aktar minn erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali tal-kontendenti partijiet.

Illi in vista ta' dak premess, jikkonkorru l-kriterji kollha rikjesti mil-ligi ghall-halla taz-zwieg odjern u ghad-divorzju tal-partijiet.

Ghaldaqstant, l-esponent umilment jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara z-zwieg odjern mahlul u sussegwentement tippronunzja li l-partijiet huma divorzjati ghall-effetti kollha tal-ligi, u;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex, fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi debitament registrat skond il-ligi fir-Registru Pubbliku.

Ra li l-intimata pprezentat nota fejn iddikjarat illi m'ghandha ebda oggezzjoni ghall-ghoti ta' digriet ta' divorzju sabiex b'hekk iz-zwieg taghha mar-rikorrent jigi mahlul ghall-finijiet u l-effetti kollha tal-ligi, tiddikjara illi hija trid illi fis-sentenza moghtija jigi ordnat illi hija tirriverti ghal kunjom xbubitha u cioe' "Muscat."

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat;

Il-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mil-Ligi sabiex iz-zwieg ta' bejn il-partijiet jigi mahlul u dana peress illi pprovaw illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-2 ta' Marzu, 2012 u li ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet; Illi r-rikorrenti pprovaw ukoll illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi:-

1. Tilqa' l-ewwel talba tal-partijiet u tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet ai termini tal-Artikolu 66D tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta
2. Tilqa' t-tieni talba u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien ghaxart ijiem millum javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.
3. Tilqa' ukoll it-talba tal-intimata biex tirriverti ghall-kunjom xbubitha "Muscat."
4. Tordna ukoll illi t-terminu tal-appell ghandu jitqassar ghal jum wiehed millum

Spejjes jibqghu bla taxxa.

**Imhallef**

**Deputat Registratur**